



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 164/22

il-Lussemburgu, 29 ta' Settembru 20202

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-597/20 | LOT (Kumpens impost mill-awtorità amministrattiva)

L-awtorità nazzjonali inkarigata mill-applikazzjoni tar-regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru tista', wara lmenti individwali, tobbliga lil trasportatur jikkumpensa lill-passiġġieri

Dan jgħodd bil-kundizzjoni li l-Istat Membru kkonċernat jkun ta lilha l-kompetenza li tagħmel dan

Wara dewmien ta' iktar minn tliet sigħat tat-titjira tagħhom bi tluq minn New-York u b'destinazzjoni lejn Budapest, xi passiġġieri kkuntattjaw lill-awtorità Ungeriża inkarigata mill-applikazzjoni tar-regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru sabiex din tal-aħħar timponi fuq LOT, it-trasportatur tal-ajru kkonċernat, il-ħlas tal-kumpens previst minn dan ir-regolament.

Din l-awtorità effettivament ikkonstatat il-ksur tar-regolament u imponiet fuq LOT il-ħlas ta' kumpens ta' ammont ta' EUR 600 għal kull passiġġier ikkonċernat.

Peress li qieset li l-awtorità inkwistjoni ma kellhiex il-kompetenza sabiex timponi l-ħlas ta' tali kumpens, LOT ikkontestat d-deċiżjoni ta' din tal-aħħar quddiem il-Qorti tal-Belt ta' Budapest (12 sa 13). Dik il-qorti staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk, meta tiġi adita b'ilmment individwali ta' passiġġier, organu nazzjonali inkarigat mill-applikazzjoni tar-regolament jistax jimponi fuq it-trasportatur tal-ajru l-ħlas ta' kumpens għal ksur tal-imsemmi regolament.

Permezz tas-sentenza tagħha mogħtija lllum, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li, għalkemm ir-Regolament ma jimponix fuq organu nazzjonali inkarigat mill-applikazzjoni tiegħu l-obbligu li jadotta miżuri koerċittivi wara lmenti individwali mressqa minn passiġġieri tal-ajru, **huwa ma jipprojbixxix lill-Istati Membri milli jagħtu tali kompetenza lill-imsemmi organu.**

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li l-ammonti fissi previsti mir-Regolament jikkostitwixxu kumpens standardizzati u immedjat li huwa intiż li jikkumpensa biss id-danni li huma kważi identiċi għall-passiġġieri kollha kkonċernati (30 u 32). Minn dan isegwi li kemm il-passiġġieri u t-trasportaturi kif ukoll l-organu msemmi iktar 'il fuq jistgħu faċilment jidentifikaw l-ammont tal-kumpens dovut (33). Għalhekk, **l-għan tal-għoti ta' tali kumpens huwa preċiżament dak li jiġu evitati l-inkonvenjenzi marbuta mal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet għad-danni quddiem il-qrati li jkollhom ġurisdiżjoni.**

B'konsegwenza ta' dan, **l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-organu nazzjonali inkarigat mill-applikazzjoni tar-Regolament li jobbliga lit-trasportatur tal-ajru jikkumpensa lil passiġġieri** wara lmenti individwali mressqa minn dawn tal-aħħar (41). F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza madankollu li l-passiġġieri u t-trasportaturi tal-ajru **għandhom ikunu jistgħu jippreżentaw rikors quddiem qorti** kontra d-deċiżjoni tal-imsemmi organu.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa

quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!

